**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 150/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Gordon Micallef**
**(ID 29596(G))**

**Illum, 19 ta' Settembru 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gordon Micallef ta' 19-il sena, iben Paul u Dayana nee` Muscat, imwieled Rabat Ghawdex, nhar l-20 ta' Gunju 1996, residenti 13, Triq il-Qasab, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 29596(G);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Mejju 2016:

1) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar il-15 ta' Dicembru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. fid-digriet tieghu ta' nhar is-26 ta' Jannar 2016 u digriet/i sussegwenti, li bih ta l-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Gordon Micallef u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Gordon Micallef u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex is-somma ta' hames mitt Euro (€500) bhala depozitu u s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, tant illi l-imputat irregistra din l-ammissjoni fl-istadju tal-provi tad-difiza, meta ghalhekk il-Prosekuzzjoni diga` kienet ghalqet il-provi taghha.

Qieset ukoll is-serjeta` tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u b'mod partikolari illi f'dan il-kaz, l-imputat instab fil-pussess ta' ben 75 pillola *ecstasy*[1] – ammont dan li l-Qorti tqis bhala wiehed sinjifikanti. Qieset ukoll mill-banda l-ohra, il-fedina penali tal-imputat li, fiz-zmien tar-reati odjerni, kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar serq semplici u cioe` r-reat li dwaru din il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat permezz tar-raba' imputazzjoni. Hadet in kunsiderazzjoni wkoll dak sottomess mid-difiza fir-rigward tal-eta` tenera tal-imputat, li l-istess imputat ma nghatax direzzjoni f'hajjtu mill-genituri tieghu, izda thalla bhal qasba tixxejjer mar-rih.

Qieset ukoll illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat kemm waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza li biha l-istess imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata, kif ukoll bi ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni esebiet

[1] Skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut (a fol. 47 *et seq* tal-process), fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn blu u hodor, li huwa nghata ghall-analizi, instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)* li, fix-xhieda tieghu (a fol. 45 *et seq*), huwa spjega li hija l-*ecstasy*.

vera kopja ta' sentenza moghtija fil-15 ta' Dicembru 2015 minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli fil-konfront tal-imputat odjern[2] - is-sentenza mertu tar-raba' imputazzjoni - li permezz taghha l-imputat instab hati ta' serq semplici ai termini tal-Artikoli 284 u 285 tal-Kap. 9 u gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena. Il-Qorti sejra ghalhekk titratta mal-imputat dwar ir-reat li fir-rigward tieghu huwa kien inghata din il-liberazzjoni kundizzjonata.

In oltre, kif inghad, l-istess imputat ikkommetta r-reati odjerni bi ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest moghtija lilu minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale nhar is-26 ta' Jannar 2016[3] u cioe` bi ksur tar-raba' kundizzjoni, li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest. Dwar dan id-difiza ssottomettiet illi fid-dawl tal-fatt illi saru emendi fl-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 u dan fis-sens illi wara dawn l-emendi, saret tassattiva l-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija moghtija ghall-helsien mill-arrest, ghandha tapplika dik il-ligi li hija l-izjed favorevoli ghall-imputat. Dwar dan il-Qorti tirrileva illi dan kien ikun minnu li kieku l-imputat ikkommetta r-reat ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, mertu tal-hames imputazzjoni, qabel id-dhul fis-sehh ta' dawn l-emendi. Madankollu, l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 gie emendat permezz tal-Att VIII tas-sena 2015 u l-emenda in kwistjoni dahlet fis-sehh fis-17 ta' Marzu 2015. Jirrizulta illi l-imputat inghata l-helsien mill-arrest fis-26 ta' Jannar 2016 u kkommetta l-ksur imsemmi nhar id-29 ta' Mejju 2016 u ghalhekk wara d-dhul fis-sehh ta' l-imsemmija emenda fil-ligi, bir-rizultat li ghandhom japplikaw fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 kif emendati u kif huma vigenti llum.

Id-difiza ssottomettiet ukoll illi fir-rigward tal-hames imputazzjoni, il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-piena applikabbli, inkluz dwar il-konfiska o meno tad-depozitu u l-garanzija imposti, skond il-gravita` tal-fatt li jkun wassal ghall-ksur u f'dan il-kuntest ghamlet referenza ghall-proviso tal-Artikolu 579(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Grima**. Dwar dan madankollu, il-Qorti fl-ewwel lok tinnota illi l-imputat gie akkuzat ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hawnhekk il-kaz m'huwiex fl-ambitu tal-Artikolu 579(1) tal-Kap. 9. Fit-tieni lok, kuntrarjament ghad-decizjoni

[2] A fol. 38 *et seq* tal-process. In-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza huwa identiku ghal dak ta' l-imputat odjern.

[3] Vera kopja ta' dawn il-kundizzjonijiet tinsab esebita a fol. 36 u 37 tal-process u fir-rigward taghhom, id-difiza kkonfermat illi l-istess kundizzjonijiet inghataw fir-rigward tal-imputat odjern u in oltre illi dawn kienu ghadhom vigenti sad-data tal-udjenza ossia sas-27 ta' Gunju 2016 u ghalhekk fiz-zmien mertu tal-kawza odjerna.

tal-Qorti fis-sentenza citata, bazata fuq l-Artikolu 579(1) tal-Kap. 9, fejn il-ksur kien konsegwenza tal-fatt illi l-akkuzat f'dak il-kaz, kien gie nnotat barra minn daru minghajr awtorizzazzjoni, meta kien jinsab taht *house arrest*, liema ksur skond dik il-Qorti ma kienx ta' konsegwenza serja tant li jimmilita favur il-konfiska tal-garanzija personali imposta bhala kundizzjoni ghall-helsien mill-arrest tal-istess akkuzat, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li wassal ghall-ksur fil-kaz odjern – ossia li l-imputat wettaq delitt meta huwa kien mehlus mill-arrest, liema delitt huwa proprju dak ta' pussess aggravat ta' 75 pillola *ecstasy* f'cirkostanzi li jkomplu jaggravaw l-istess pussess ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta – huwa tali li zgur ma jistax jinghad illi l-ksur ma kienx ta' konsegwenza serja. Fi kwalunkwe kaz, kif inghad, l-imputat fil-kaz odjern gie akkuzat ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, f'liema kuntest il-Qorti m'ghandha l-ebda diskrezzjoni fir-rigward tal-konfiska o meno tad-depozitu u l-garanzija imposti fl-ghoti tal-helsien mill-arrest, la darba l-imputat jinstab hati ta' ksur tal-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti.

Qieset ukoll ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni bhala kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni u applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel u l-hames imputazzjonijiet kif ukoll fir-rigward tar-reat ta' serq semplici li dwaru qed titratta mal-imputat ai termini tar-raba' imputazzjoni. Applikat ukoll l-aggravanti tad-distanza, mertu tat-tielet imputazzjoni, ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Fir-rigward tas-somma ta' mitejn u tletin Euro (€230) misjuba fil-pussess tal-imputat, stante li mill-atti ma tirrizultax prova fil-grad rikjest mil-ligi, illi din kienet gejja mill-bejgh tad-droga, il-Qorti qed tordna r-rilaxx taghha favur l-imputat. In oltre peress illi lanqas ma jirrizulta illi l-*mobile phone* esebit kien jintuza mill-imputat in konnessjoni mad-droga, il-Qorti qed tordna wkoll ir-rilaxx tal-istess.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 17, 31, 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u qed tikkundannah fir-rigward tal-ewwel u l-hames

imputazzjonijiet (bit-tieni imputazzjoni, kif inghad, kompriza u nvoluta fl-ewwel imputazzjoni u mizjuda wkoll l-aggravanti tad-distanza, mertu tat-tielet imputazzjoni, mal-ewwel imputazzjoni), ghall-piena ta' **ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u piena ta' **multa ta' elfejn Euro (€2,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) snin mil-lum. B'dan illi kemm il-darba huwa jonqos milli jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

In oltre, fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17, 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed titratta mal-imputat dwar ir-reat li tieghu nstab hati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli tal-15 ta' Dicembru 2015, billi tikkundannah ghall-piena ta' **hmistax-il jum prigunerija effettiva**.

Ai termini tal-Artikoli 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ghaxart elef u hames mitt Euro (€10,500), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hames mitt Euro (€500), depozitu impost ghall-helsien mill-arrest tal-hati permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Jannar 2016 u in kwantu ghas-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000), bhala garanzija personali imposta permezz tal-istess digriet u in oltre tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-hati mill-istess Qorti, kif inghad, u tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, sebgha u erbghin Euro u hamsin centezmu (€147.50) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, disgha u tmenin Euro, sebgha u tmenin centezmu (€389.87), b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' hames mija, sebgha u tletin Euro u sebgha u tletin centezmu (€537.37).

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' mitejn u tletin Euro (€230) esebita bhala Dokument JC5 u tal-*mobile phone* esebit bhala Dokument JC7 favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument JC6, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat